MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2009

Appell Civili Numru. 462/2005/1

**Fibermar Company Limited**

**vs**

**Christian Camilleri**

**Il-Qorti,**

Fl-4 ta' Frar, 2009, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti:-
>
> Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta attrici nhar il-ħamsa (5) t'Awwissu 2005 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' tlett elef u tnejn u tmenin lira Maltin (LM3,082) dovuti minnu bhala bilanc tal-prezz ta' diversi prodotti lilu mibjugha u konsenjati mill-istess socjeta attrici w ihallasha s-somma ulterjuri

ta' hames mija u tletin lira Maltin (LM530) dovuti minnu bhala l-valur ta' numru ta' prodotti lilu konsenjati minnha fuq bazi ta' *consignment* fiz-zmien illi huwa kien qed jiggestixxi n-negozju tieghu gewwa hanut bl-isem 'Fiberman Gozo' fi Triq Borg Olivier, Victoria, Ghawdex, izda li huwa naqas milli jirritorna u jrodd lura lill-istess socjeta attrici wara li huwa ttermina il-gestjoni tal-istess imsemmi negozju.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kummercjali b'effett mit-tmienja w għoxrin (28) ta' Gunju 1994 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota t'ecezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa s-segwenti:-

1. Il-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar kontemplata fl-artikolu 2148 tal-Kodici Civili.
2. Il-preskrizzjoni ta' sentejn kontemplata fl-artikolu 2149 tal-Kodici Civili.
3. Il-preskrizzjoni ta' hames snin kontemplata fl-artikolu 2156 tal-Kodici Civili.
4. Illi fi kwalunkwe kaz l-konvenut mhuwiex il-legittimu kontradittur tas-socjeta attrici.

Rat il-verbal tal-Qorti tal-ħamsa w għoxrin (25) ta' Mejju 2006 fejn il-konvenut ipprezenta l-affidavit tiegħu u talab li jigu allegati l-atti bis-sentenzi tal-kawzi decizi minn din il-Qorti diversament preseduta bin-numri 31/95PC u 32/PC decizi fl-erbgħa (4) ta' Marzu 2005 u fejn konsegwentement talab li l-provi hemm kontenuti jifformaw parti mill-provi ta' din il-kawza.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-istess jum fejn laqghet it-talba hemm kontenuta.

Rat l-affidavit ta' **Bonaventura sive Arthur Farrugia** fejn spjega li s-socjeta attrici kienet bdiet in-negozju taghha f'Ghawdex flimkien ma certu

Mario Bugeja li kien stqarr li xtaq jiftah *showroom* f'Ghawdex armat bil-prodotti tas-socjeta attrici. Illi ghalhekk is-socjeta attrici kienet waslet fi ftehim ma Mario Bugeja li hija kienet ser taghti l-prodotti taghha on *consignment, wholesale* lil dan Mario Bugeja biex hu jarma is-*showroom* li kellu f'Ghawdex hdejn l-hanut tieghu fejn kien armat bit-*tyres* u batteriji tal-karozzi. Konsegwentement dan Mario Bugeja tella' anke l-isem 'Fiberman' fuq is-*showroom* tieghu.

Jispjega li kien jaf li Mario Bugeja kellu xi parentela certu Emanuel Debono u l-konvenut jghinu fin-negozju. Jghid li sa fejn jaf hu l-konvenut kien izomm il-kotba ta' dan Bugeja. Jghid li sa fejn jiftakar hu, huwa qatt ma kellu x'jaqsam ma Emmanuel Debono, izda mal-konvenut kien jitkellem ghaliex kien hu li kien johroglu l-pagamenti. Qal li pero l-konvenut gieli għamel xi ordnijiet mieghu wkoll.

Jghid li wara certu zmien, il-konvenut beda jiehu hsieb aktar dirett tan-negozju, izda hu dejjem haseb li kien qed jghamel hekk f'isem Mario Bugeja. Fil-fatt l-*invoices* dejjem hargu fuq l-isem 'Fiberman Gozo' jew 'Bellusa Corporation' jew 'Bellusa'. Jghid li l-ahhar zewg ismijiet kienu l-ismijiet tan-negozju ta' Bugeja. Jikkonferma li la Mario Bugeja u lanqas il-konvenut ma qalulu li kien hemm xi arrangament bejniethom, fejn Mario Bugeja ma kellux x'jaqsam aktar man-negozju. Fil-fatt ighid li meta kien imur ikellem lil dan Bugeja, huwa kien jgħidlu sabiex ifittex lil konvenut u li setgħa jkellimhulu, izda meta huwa kien ikellem lil konvenut, dan kien ighidlu li ried ikellem lil Bugeja.

Ghadda z-zmien u spicca li fetah zewg kawzi kontra dan Mario Bugeja, l-ewwel kawza iggib in-numru 31/95PC fl-isimijiet Bonaventura sive Arthur Farrugia vs Mario Bugeja fejn talab il-hlas ta' LM3,082 rapprezentanti bilanc minn somma akbar

ta’ diversi prodotti mibjughin u konsenjati lilu mis-socjeta attrici, w it-tieni kawza fl-istess ismijiet numru 32/05PC fejn talab lura il-konsenja ta’ diversi prodotti tas-socjeta attrici jew li jigi moghti l-valur taghom. Spjega li fl-ewwel kawza, s-somma mitluba kienet tirrapprezenta il-prodotti li nbieghu fil-hanut t’Ghawdex, liema somma kienet ghalhekk dovuta lis-socjeta attrici w it-tieni kawza kienet tirrigwarda dawk il-prodotti, li sa fejn jaf hu, ma kienux inbieghu.

Ix-xhud ighid li dan Bugeja kien qed isostni li huwa qatt ma kellu x’jaqsam mas-socjeta attrici, izda kien Mario Bugeja li kellu x’jaqsam maghha. Jghid ukoll li sema’ lil konvenut ighid f’din il-kawza, meta kien qed jixhed nhar l-erbgħa w għoxrin (24) t’Ottubru 2000, li huwa, flimkien ma Emanuel Debono, kienu jixtru minghand is-socjeta attrici u li Mario Bugeja qatt ma nnegozja maghha. Fil-fatt ighid li meta Bugeja xehed, qal li kien jaf biz-zewg kawzi fuq imsemmija u kien jaf li kienu jirrigwardaw xi debitu lil kien hemm dovut lis-socjeta attrici, izda li din kienet dovuta mill-konvenut u Emanuel Debono izda li ma kienx hemm qbil dwar il-quantum.

Jghid li huwa pprezenta id-dokumenti kollha li fuqhom ghamel il-kalkoli tieghu ghan-nom tas-socjeta attrici fiz-zewg kawzi fuq imsemmija, izda fil-fehma tieghu dawn il-hlasijiet ghandhom isiru mill-konvenut.

Huwa ghamel referenza ghall-ammissjoni tal-konvenut stess maghmula fil-kawza fuq indikata meta qal “*Jammetti li kien baqghalhom xi pendenzi mal-attur nomine, imma il-hlasijiet dovuti baqghu ma sarux ghax ma kienx hemm qbil dwar l-ammont realment dovut.’* Jghid ukoll li f’dawk il-kawzi il-Qorti ma laqghetx it-talba attrici ghaliex waslet ghal konkluzjoni li ma setghetx tilqa t-talbiet taghha kif migjuba kontra Mario Bugeja.

**Bonaventura sive Arthur Farrugia** pprezenta affidavit iehor nhar il-wieħed w għoxrin (21) ta' Mejju 2007 (fol. 22) li gie markat bhala Dok. BF. Huwa pprezenta rendikont dettaljat tal-ħlasijiet li s-socjeta attrici qed tippretendi li ghandha tiehu minghand il-konvenut. Huwa esebixxa rendikont li kien baghat l-istess konvenut lis-socjeta attrici li gie markat bhala Dok. BF 1 fejn kien hemm qbil li t-*total invoicing* u *total delivery* kien jammonta ghal LM8,520.50 u li minnhom trid titnaqqas is-somma ndikata bhala *payments effected* fl-ammont ta' LM4,121 bil-bilanc rizultanti ta' LM4399. Qal li fl-istess dokument hemm indikat tnaqqis iehor ta' *credit note from Bellussa* fl-ammont ta' LM264 w allura l-bilanc kien ta' LM4,135.

Spjega li l-konvenut kien qed jippretendi li kellu jkun hemm tnaqqis ulterjuri ta' LM2,2209.17, rapprezentanti *Goods returned back as per list 26.5.94* u dan skond id-dokument anness u mmarkat bħala Dok. BF 2, li hija kopja ta' lista li kien baghat l-konvenut fis-sitta w għoxrin (26) ta' Mejju 1994. Huwa esebixxa wkoll rendikont iehor li kien baghat l-istess konvenut nhar it-tmienja (8) t'April 1994 li gie mmarkat bhala Dok. BF 3.

Jghid li f'dan id-dokument hemm konferma tas-somma nizjali ta' LM8520.50 dovuta lis-socjeta attrici, hemm ukoll lista tar-*returns* bir-*return order* fuqha fl-ammont ta' LM1,652 u mhux is-somma ta' LM2,220.17 indikati fid-Dok. BF 1 u mhux is-somma ta' LM2,209.17 indikata fuq id-Dok. BF 2. Jikkonferma li pero ma kienx minnu li l-konvenut kien irritorna l-oggetti kollha indikati fid-Dok. BF 2 u fil-fatt fuq dan kien tkellem mal-konvenut direttament.

Jghid illi huwa kien spjega lill-konvenut li mill-oggetti ritornati b'valur komplessiv ta' LM1652 hemm valur ta' LM1053 li jrid jitnaqqas mis-somma ta' *Total Invoices u Total Delivery* (LM8,250) filwaqt illi l-valur ta' LM599 irid jitnaqqas

mit-*Total Goods on Consignement* (LM2619) indikati fid-Dok. BF 1.

Huwa kkonkluda billi stqarr li dan kollu jfisser li mill-bilanc ta' LM4135 imsemmi aktar 'l fuq għandha titnaqqas is-somma ta' LM1,053 kif spjegat fil-paragrafu precedenti li jhalli bilanc finali ta' LM3082 li hija ndikata fl-ewwel talba tas-socjeta attrici.

Nhar it-tmienja (8) ta' Mejju 2008 in kontr'ezami ix-xhud jghid li kien Mario Bugeja li laqqgħu mal-konvenut, jekk mhux sejjer zball kien f'Ghawdex u minghalih kienu wahedhom. Ikkonferma li lil Emanuel Debono sar jafu hafna wara, mhux kif gie suggerit lilu. Jghid li għall-ewwel kien qed jinnegozja ma dan Bugeja, izda wara spicca qed jinnegozja mal-konvenut.

Il-konvenut **Christian Camilleri** xehed permezz t'affidavit prezentat fl-atti nhar l-erbgħa (4) ta' Dicembru 2007. Jghid li r-relazjoni mas-socjeta attrici bdiet meta huwa, flimkien ma Emanuel Debono li kienu shab fin-negozju li kellhom dak iz-zmien, xtaqu jsibu lil xi hadd li jimmanifattura materjal maħdum bir-resin u peress li Mario Bugeja kien midhla ta' hafna negozji, ghamilhom kuntatt mas-socjeta attrici. Ikkonferma li Mario Bugeja kien introduca lil Bonaventura Farrugia ghan-nom tas-socjeta attrici, li kienu ftehmu li kellhom ibieghu xi prodotti tas-socjeta attrici gewwa Ghawdex. Qal li Bugeja ma kellux x'jaqsam ma dan in-negozju, izda kellu nteress li jitmexxa sew peress illi kienu krew is-*showroom* tieghu ghal dan in-negozju. Qal li kien imur hu ghal materjal jew inkella kien igibu Mario Bugeja huwa u gej lura minn Malta minn xi xoghol iehor.

Jghid li jiftakar li fl-ewwel xahar kull ma kienu gabu kien xi kunsinna t'affarijiet li kienu servew bhala mostra u xi ammont ta' *stock* zghir u kien ircieva telefonata minghand dan Farrugia fejn b'leħen

gholi kien talbu is-somma ta’ tlett elef lira Maltin (LM3,000) izda l-ghada kien rega’ cempillu dan Farrugia u qallu li kien ghamillu din it-telefonata ghaliex kellu xi nies fl-uffiiccju. Jghid imbaghad minn zmien ghal zmien, kien jigi mitlub jghamel xi pagamenti u huwa kien jitlob lis-socjeta attrici tibgħatlu *statement* sabiex iħalsu, izda is-Sur Farrugia kien ighidlu li kien ser jibghatulu f’qasir zmien. Jgħid li effettivament kienu għamlu diversi pagamenti *on account* izda is-socjeta attrici qatt ma baghtet *invoice* u wisq inqas xi *statement*. Ikkonerma li l-pagamenti kollha kienu johorgu permezz ta’ kont li kien igib l-isem ‘Emanuel Debono a/ċ Fiberman Gozo’. Ikkonferma wkoll li hafna mid-*delivery notes* ma kienx ikollhom prezz fuqhom.

Qal li maz-zmien il-problemi zdiedu tant li lanqas il-materjal komplut ma kienet qed tibgħat is-socjeta attrici w għalhekk certu xogħol kellu jigi zarmat wara li jitwahhal. Kien hemm okkazjoni wkoll meta it-tankijiet tal-ilma kienu difettuzi u saħansitra anke dgħajsa giet ritornata lill-istess socjeta mis-sid u baqghu minghajr hlas. Qal ukoll meta kien hemm xi kwistjoni ta xiri ta’ *tyres* minghand Mario Bugeja u l-kwistjoni spiccat billi s-socjeta attrici harget xi *credit notes* favur tieghu minflok li sar xi hlas effettiv. Dan nonostante pero is-socjeta attrici qatt ma baghtet xi *statement*, kienet tibghat biss *delivery notes*.

Qal li wara certu zmien iddecida flimkien ma Debono, li jitterminaw in-negozju li kellhom f’Ghawdex u dan kien ghall-ahhar tas-sena 1993 u kienu ftehmu mal-kumpaniji kollha li kellom jirritornaw l-i*stock* li kien fadal u wara li huma jikkreditawhom kif dovut huma ihalsu l-bilanc dovut. Jghid li dan sar ma kulhadd salv mas-socjeta attrici li baqghet ma baghtet l-ebda *statement*, ghalkemm talbuhom diversi drabi (Dok. B fol. 41).

Jghid li huwa kien tkellem mas-Sur Farrugia u kien talbu sabiex jiehu lura xi oggetti u li għandu jibghatlu *statement,* izda l-oggetti gew ritornati minnu pero l-i*statement* qatt ma wasal salv ghall-ittra datata tmienja (8) t'April 1994 mibghuta lil Mario Bugeja mill-avukat tas-socjeta attrici esebita fl-atti u mmarkata bhala Dok. C (fol. 42). Isostni li huwa baqa' jitlob ghall-hrug ta' *statement,* izda wara certu zmien is-socjeta attrici baghtet *statement* lil Mario Bugeja jew lis-socjeta tieghu 'Bellusa' liema *statement* gie mmarkat bhala Dok. D u jikkonsisti fi hdax il-faccata (fol. 43 et seq). Jirrileva li filwaqt li fid-dokument immarkat bhala Dok. C, l-ammont bilancjali huwa ta' LMLM1,382 fid-dokument immarkat bhala Dok. D, l-ammont bilancjali huwa ta' LM882.

Jispjega li huwa ma qabel xejn ma dawn id-dokumenti ghaliex sostna li la kien jinkludi l-i*stock* kollu li kien gie ritornat u kien jinkludi *delivery notes* li huwa ma kellux kopji taghhom. Huwa esebixxa kopja tal-korrispondenza li kienet intbaghtet permezz ta' *fax* (Dok. E). Huwa cempel lil dan Farrugia kemm il-darba, izda dan insista mieghu li kollox kien korrett. Kienu iltaqgħu sabiex jippruvaw jirrangaw il-pendenza ta' bejniethom, izda kollox kien ghal xejn għaliex għalkemm iltaqghu, ma waslux.

Xi snin wara, l-konvenut ighid li gie mitlub sabiex jgħati x-xhieda tieghu f'kawza li s-socjeta attrici kellha kontra Mario Bugeja u jghid li huwa gie mistoqsi jekk kienx hemm pendenzi mas-socjeta attrici u huwa wiegeb fil-posittiv għaliex qal li s-socjeta attrici kellha tipprovdi kopji tad-*delivery notes* li qatt ma ipprovdiet u tirrifondi r-*returns* u mhux ghax kien hemm xi ammont dovut. Jikkonferma li s-socjeta attrici mhiex certa hija stess kemm ghandha tiehu ghaliex filwaqt li fid-Dok. A qed titlob is-somma ta' (LM6433), f'din il-kawza qed titlob is-somma ta' (LM3612).

In kontr'ezami nhar it-tmienja w għoxrin (28) ta' Mejju 2008 jikkonferma li huwa kien kera l-*premises* minn fejn kien jopera minghand Mario Bugeja. Huwa cahad li kien jinghata minghand is-socjeta attrici xi *delivery note* ma kull *delivery* li kien jghamel. Qal li huwa kien jinforma lis-socjeta attrici bl-affarijiet difettuzi li kienu jigu konsenjati. Qal li *returns* kienu isiru fuq bazi regolari kull meta kien jircievi lura xi materjal minghand il-klijent huwa kien jibghatulhom lura. Jghid li ftehim bil-miktub qatt ma kien hemm u kkonferma ukoll li Mario Bugeja ma kienx involut fin-negozju. Huwa kkonferma li d-Dok. BF 3 esebit fl-atti, hija *fax* mibghuta lilu minn Arthur Farrugia. Qal li l-bilanc hemm dovut fis-somma ta' LM2,933.19 m'ghadux dovut ghaliex minn dakinhar 'l quddiem huwa rritorna diversi prodotti.

Illi 'n kontr'ezami nhar l-għaxra (10) ta' Lulju 2008 l-konvenut jikkonferma li *statement* wiehed biss ircieva minghand Mario Bugeja u mis-socjeta attrici qatt ma kien ircieva. Muri d-Dok. BF 3, il-konvenut jikkonferma li dan kien mibghut minnu, izda minn dakinhar 'l quddiem saru xi *returns* w ghalhekk is-somma hemm indikata, ma hiex kollha dovuta. Ikkonferma li l-i*statement* li kien ghamel hu ma giex accettat mis-socjeta attrici. Jgħid ukoll li llum il-gurnata ma jeskludix li ghad hemm xi pendenza dovuta izda mhux dak mitlub mis-socjeta attrici. Jghid li n-negozju waqaf bejn wiehed u iehor fis-sena 1993 u wara rritorna xi oggetti. Jghid li s-socjeta attrici dejjem tbiddel l-bilanc dovut lilha minhabba ir-*returns* li saru.

Rat l-atti taz-zewg processi allegati ma dan il-process u s-sentenzi hemm mogħtija.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta attrici prezentata nhar il-ħmistax (15) t'Ottubru 2008 u dik pprezentata mis-socjeta konvenuta nhar il-wieħed u tletin (31) t'Ottubru 2008.

Ikkunsidrat:

Illi s-socjeta konvenuta, bħala eccezzjoni taghha qed tikkontendi li l-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju ghaliex mhuwiex il-legittimu kontradittur. Pero nonostante din l-eccezzjoni, li ghalkemm m'inghatatx bhala eccezzjoni preliminary, din il-Qorti hasset li kellha tittratta maghha in linea preliminary, ghaliex jekk din l-eccezzjoni tigi milqugħa, l-kawza tieqaf hawn u ma jkunx hemm lok li l-Qorti tiddecidi fuq l-eccezzjonijiet l-ohra.

Illi l-konvenut ma ressaq l-ebda prova 'n sostenn ta' din l-eccezzjoni u fil-fatt igħid fix-xhieda tieghu, li huwa kien jinnegozja mas-socjeta attrici u li kien jghamel ordnijiet u jgħamel *returns* u jcempel lid-Diretturi taghha sabiex jitkellem fuq in-negozju u l-andament tieghu. Jghid ukoll li Mario Bugeja ma kellux x'jaqsam man-negozju, izda kien hu u Emanuel Debono li kienu qed jiggestixxu n-negozju mas-socjeta attici, pero peress li ma kien hemm l-ebda talba ghal kjamat in kawza ta' Emanuel Debono, din il-Qorti ghandha tqis t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut odjern biss.

Għalhekk tali eccezzjoni qieghda tigi micħuda bl-ispejjez.

Illi dwar il-mertu, l-konvenut eccepixxa l-preskrizzjoni tal-azzjoni ai termini tal-artikoli 2148 u 2149 li huwa dak ta' sentejn u fin-nuqqas, dak ai termini tal-artikolu 2156 u cioe dak ta' hames snin. Illi mill-provi prodotti jirrizulta li n-negozju kien ghadu spicca fis-sena 1993 u din il-kawza giet intavolata fis-sena 2005, tmien snin wara li l-istess negozju gie terminat. Ma jirrizultax mill-atti li effettivament is-socjeta attrici pprezentat xi att ufficcjali fil-konfront tal-konvenut sabiex twaqqaf il-perjodu preskrittiv milli jiddekorri.

Illi din il-Qorti fliet l-atti processwali, b'mod partikolari l-processi taz-zewg kawzi li kien hemm pendenti fil-konfront ta' Mario Bugeja u minn hemm jista jigi facilment stabilit li n-negozju verament kien sehh fis-snin 1991 sa nofs 1994 w għalhekk, stante li l-kawza odjerna giet istitwita fis-sena 2005, zgur li l-azzjoni hija wahda preskritta.

Bonaventura Farrugia jghid fl-affidavit tieghu, li l-konvenut jammetti li kellu jghati lis-socjeta attrici, izda meta din il-Qorti qrat x-xhieda li huwa ta u sussegwentement l-ispjegazzjoni li kien ta viva voce il-Qorti dwar l-affidavit minnu prezentat, jirrizulta li mhuwiex minnu li huwa qatt qal li kellu jghati lis-socjeta attrici, izda li kien hemm xi pendenzi u spjega li kien hemm xi dokumentazzjoni li kien talab u baqa' li m'inghatax. Il-fatt li l-konvenut jghid li ma jeskludix li ghandu jghati fix-xhieda tieghu 'n kontr'ezami fis-seduta tal-għaxra (10) ta' Lulju 2008, ma jfissirx li qed jaccetta li l-ammont mitlub fl-avviz huwa dovut.

Illi 'n oltre tirrizulta konfuzjoni shiha dwar dak li qed titlob is-socjeta attrici u jekk verament is-socjeta attrici kellha tiehu mingħand il-konvenut u jekk in effetti kellha tieħu, kemm kellha tieħu.

Is-socjeta attrici fl-ewwel lok ppruvat it-talba taghha permezz t'esibizzjoni ta' *statements of accounts* jew xi *ledgers* u mhux toqghod biss fuq kalkoli maghmula mill-istess konvenut u mhux kolloborati b'ebda dokumentazzjoni relattiva. Fl-atti ma hemm esebit l-ebda *invoice* jew rendikont f'isem il-konvenut. In oltre is-socjeta attrici messha wkoll ressqet provi sabiex tipprova li l-azzjoni odjerna mhiex wahda preskritta, kif allegat mill-konvenut.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghall-artikolu 562 tal-Kodici Civili w appuntu ghal dak l-obbligu tal-fatt li jmiss dejjem lil min jallegah, w appuntu ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-

Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **<u>Joseph Tonna vs Philip Azzopardi</u>** deciza nhar it-tnax (12) t'April, 2007 mill-Onorevoli Imhallef Dottor Philip Sciberras fejn inghad illi "*in materja ta' provi, r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:*

*a) I bda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu wgwalment spartit bejn il-kontendenti, sia fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sia fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta il-pretiza tal-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5.*

*b) F il-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta' – Ara Vol. XXXVII/i/577;*

*c) Il -gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju 'n kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;*

d) *Il -valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji w allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu*

*jidhirlu li huma l-aktar attendibbli w idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika w ir-razzjonalita, kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' Revizjoni – Ara b'ezempju* ***Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco*** *– App. 30 ta' Gunju, 1912 (Vol. XXIV/i/104)";*

Illi ghalhekk, in konkluzjoni, l-Qorti hija tal-fehma li l-attur naqas li jipprova li l-azzjoni mhiex preskritta u din il-prova kienet tispetta lilu sabiex iressaq.

Illi din il-Qorti qieghda tqis li din l-azzjoni hija preskritta bil-perijodu preskrittiv ta' hames snin kif dispost fl-artikolu 2156 tal-Kodici Civili kif imsemmi fit-tielet eccezzjoni tal-konvenut, stante li miz-zmien meta gie terminat in-negozju u meta nfethet il-kawza odjerna, għaddew xejn inqss minn kwazi tmin snin sħaħ.

Għaldaqstant il-Qorti qieghda tilqa l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni ta' hames snin kif sollevata mill-konvenut fit-tielet eccezzjoni u tirrispingi l-kumplament tal-eccezzjonijiet tieghu u tirrispingi wkoll t-talbiet attrici.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithalsu mis-socjeta attrici."

Is-socjeta` attrici tadduci bl-appell taghha kontra din is-sentenza l-aggravji li gejjin:-

1. Il-konvenut naqas milli jispecifika s-subinciz relattiv tal-preskrizzjoni kwinkwennali minnu eccepita;
2. Meta ammetta li hu debitur, il-konvenut gie li rrinunzja ghall-preskrizzjoni;
3. F'kull kaz, il-preskrizzjoni giet interrotta;

Bl-ewwel aggravju taghha s-socjeta` attrici appellanti tissottometti illi gjaladarba l-konvenut ma specifikax liema kien is-subinciz relattiv tal-preskrizzjoni opposta ghall-azzjoni taghha, dan in-nuqqas ma setax jigi supplimentat mill-Qorti ghax dan, l-Artikolu 2111 tal-Kodici Civili ma jridux. Teknikament, is-socjeta` appellanti ghandha ragun ghax kif drabi ohra osservat minn din il-Qorti "il-proposizzjoni generika ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mill-parti interessata ma tawtorizzax lill-gudikant biex jindividwa hu t-tip ta' preskrizzjoni li jghodd ghall-kaz. Dan ghaliex huwa l-parti li ghandu l-oneru jaghzel liema wahda mill-varji ipotesijiet prezunti mil-ligi hi applikabbli .... u l-gudikant ma jistax jiehu inizzjattiva biex jissupplixxi hu ghan-nuqqas tal-parti". Ara "**Joseph Gauci -vs- Saviour Farrugia**", Appell Inferjuri, 22 ta' Gunju, 2005;

Issa f'din is-sede, il-konvenut appellat, koxjenti li dak in-nuqqas tieghu tad-debita specifikazzjoni tista' tirrendi l-eccezzjoni tieghu tal-preskrizzjoni inammissibbli jindividwa s-subinciz (f) ta' l-Artikolu 2156 Kodici Civili bhala l-ipotesi preskrizzjonali li tghodd ghall-kaz. Ghal dan hu jirrikorri ghad-dispost ta' l-Artikolu 2113 ta' l-istess Kodici li jippermetti l-opposizzjoni tal-preskrizzjoni fi grad ta' appell. Naturalment, tibqa' l-kwestjoni tal-kap ta' l-ispejjez ghax, kif ritenut, "*quando l'eccezione di prescrizione si solleva in seconda istanza vi è luogo di accollare al convenuto eccipiente una parte del giudizio delle spese, siccome non si tratta di una eccezione che avrebbe potuto essere presa in considerazione dalla Corte di prima istanza 'ex ufficio'.*" ("**Francesco Calleja -vs- Luigi Falzon**", Appell Kummercjali, 12 ta' Lulju, 1918);

Premess dan, huwa importanti fil-konsiderazzjoni tat-tieni u tat-tielet motivi ta’ aggravju illi qabel xejn issir din il-precizazzjoni guridika. Meta tigi eccepita l-preskrizzjoni l-kontro-parti jista’ jwaqqaghha ghal xi wiehed mill-motivi legali maghrufa mil-ligi, ossija s-sospensjoni jew l-interruzzjoni jew ir-rinunzja. L-interruzzjoni u r-rinunzja mhux l-istess haga, anke jekk sew l-interruzzjoni u sew ir-rinunzja, iridu jirrizultaw b’mod car u inekwivokabbli. Skond il-gurisprudenza, l-operativita taghhom hi f’dan is-sens. Salv fil-kaz ta’ att gudizzjarju, ir-rikonoxximent ta’ debitu jinterrompi l-preskrizzjoni li tkun ghadha in korso, izda jekk il-preskrizzjoni tkun gja kompjuta hi ipotizzata qaghda ta’ rinunzja u mhux ta’ interruzzjoni. Ara a propozitu “**Joseph Bajada -vs- Alfred Naudi**”, Qorti tal-Kummerc, 12 ta’ Jannar, 1950 u “**Maria Lourdes Brincat -vs- Giuseppe Brincat *et***”, Appell Civili, 9 ta’ Dicembru, 1994. Fil-kaz tar-rikorrenza tal-wahda jew ta’ l-ohra l-indagini timplika apprezzament ta’ fatt. M’ghandniex xi nghidu, il-kreditur-attur li jivvanta l-interruzzjoni jew ir-rinunzja jrid juri mhux biss li jezisti fatt inkompatibbli mal-volonta li wiehed javvalora ruhu mill-preskrizzjoni izda, ukoll, li dan il-fatt jimmanifesta fih, u minghajr possibilita ta’ xi interpretazzjoni diversa, il-volonta inekwivokabbli ta’ l-interruzzjoni jew tar-rinunzja;

Il-Qorti dehrilha li kellha taghmel din il-precizazzjoni ghaliex in bazi ghall-materjal probatorju l-kwestjoni kellu jkollha aktar konnessjoni ma’ l-ipotesi tar-rinunzja milli ma’ dik ta’ l-interruzzjoni. Dan qed jigi rilevat ghaliex sew fl-okkazjoni li fiha xehed il-konvenut (24 ta’ Ottubru, 2000) fil-kawza “**Bonaventura Farrugia -vs- Mario Bugeja**”, [Citaz. Nru. 31/95 – Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri], sew meta xehed fil-kawza prezenti, specjalment in kontro-ezami (fol. 91), il-preskrizzjoni kwinkwennali opposta kienet diga` kompjuta, la r-relazzjoni negozjali kienet intemmet fl-ahhar tas-sena 1993 u d-dritt attoreju kellu l-bidu tieghu f’dak iz-zmien;

Issa fil-fehma tas-socjeta` attrici appellanti r-rinunzja da parti tal-konvenut hi spjegata mid-dikjarazzjonijiet tieghu

fiz-zewg proceduri. Essenzjalment, mid-deposizzjonijiet tal-konvenut jistghu jigu senjalati s-segwenti dikjarazzjonijiet:-

1. Fis-seduta surreferita ta’ l-24 ta’ Ottubru, 2000 jirrikonoxxi li hu u siehbu Emanuel Debono xtraw merkanzija minghand is-socjeta` attrici u, filwaqt li jaghraf illi dak pretiz minn din is-socjeta` kien relattiv ghal dik il-merkanzija mixtrija, l-ammont rapprezentativ kien ikkontestat minnu. Konstatazzjoni f’dan is-sens saret ukoll mill-Qorti ta’ Ghawdex fil-kawza fuq imsemmija deciza fl-4 ta’ Marzu, 2005;

2. Fis-seduta tal-10 ta’ Lulju, 2008 fl-istanza odjerna l-konvenut jitlaq mill-ammissjoni illi hu kien iddikjara li kellu jaghti s-somma indikata f’dokument BF3 (fol. 27) b’dan li, skond hu, il-qaghda kienet inbiddlet ghaliex fil-frattemp hu kien radd lura merkanzija lis-socjeta` attrici. *Ipsissimis verbis* hu zied jghid, pero`, illi “illum il-gurnata ma neskludix li ghad hemm xi ammont dovut pero` mhux dak li qed titlob is-socjeta` attrici” (fol. 92);

Fuq il-fehma taghha, l-ewwel Qorti rragunat illi fl-att li l-konvenut jghid li ma jeskludix li ghandu jaghti ma jfisserx li qed jaccetta li l-ammont miltub fl-avviz huwa dovut. Dan huwa sa certu punt veru izda, imbaghad, mill-perspettiva tar-rinunzja, kif din tinzel mid-dispost ta’ l-Artikolu 2108 (2), kombinat ma’ l-Artikolu 2109 tal-Kodici Civili, din il-Qorti ssib f’dik l-istess dikjarazzjoni tal-konvenut illi kjarament jissussistu l-effetti tar-rinunzja ghall-preskrizzjoni sollevata. L-orjentament gurisprudenzjali tal-Qrati taghna jafferma u jikkorrobora dan il-hsieb;

In sintesi, din l-istess gurisprudenza tipprovdi dawn l-ezemplari:-

1. Jekk id-debitur jikkonferma anke indirettament li ma jkunx hallas, “*egli non puo` opporre la prescrizione suddetta (quinquennale)*” (“**Parroco Sac. Francesco**

**Saverio Mifsud -vs- Nicola Decelis**”, Appell Civili, 28 ta’ Frar, 1921;

(2) “Id-debitur li ma jichadx li kellu jaghti imma biss jallega li huwa jidhirlu li ma ghandux jaghti daqs kemm il-kreditur jippretendi minghandu, jirrinunzja tacitament ghall-preskrizzjoni. Huwa pacifiku fid-dottrina illi l-incertezza tal-*quantum* ma tirrendix nulla r-rikonjizzjoni tad-deibtu meta tkun accertata l-kawza tieghu” (“**Giorgio Demarco *et* -vs- Giovanni Aquilina**”, Appell Kummercjali, 10 ta’ Gunju, 1946). Ara wkoll fl-istess sens u fost bosta ohrajn, “**Giuseppe Duca -vs- Guzeppe Galea**”, Qorti tal-Kummerc, 21 ta’ April, 1961; “**Anthony Fenech *et nomine* -vs- John Saliba**”, Qorti tal-Kummerc, 21 ta’ April, 1971 u “**Antonia Attard Gialanze -vs- Emmanuel Rizzo *et***”, Appell Inferjuri, 29 ta’ Jannar, 1998;

3. Ir-rinunzja hi negozju guridiku unilaterali li tesplika l-effetti taghha imprexxindibilment mill-accettazzjoni tal-beneficcjarju. Ara "**Nicola Farrugia *et* -vs- Francesco Farrugia *et***”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 10 ta’ Dicembru, 1954. Jekk allura l-konvenut, in bazi ghac-cirkustanzi fattwali ezaminati, jammetti li ghandu jaghti imma biss ma jirrikonoxxix bhala ezatta s-somma pretiza, jigi li rrinunzja tacitament ghall-preskrizzjoni. Ara “**Giovanni Sammut -vs- Philip A. Grima**”, Qorti tal-Kummerc, 7 ta’ Ottubru, 1954;

Fil-fattispeci tal-kaz prezenti l-prospettazzjoni guridika li tinzel mid-dikjarazzjonijiet tal-konvenut ma hi xejn differenti minn dik tal-qaghda pervenuta fid-decizjonijiet citati u, allura, fl-opinjoni tal-Qorti, eleminat kull dubju, tezisti raguni biex tiddiskosta ruhha mill-konkluzjoni raggunta fis-sentenza appellata relattiva ghall-akkoljiment tal-preskrizzjoni opposta. Wisq ragonevolment, b’daqshekk, il-Qorti mhix qed tammetti t-talba attrici ghaliex jekk il-kwantum tal-kreditu pretiz huwiex gustifikat jew le jiddependi mill-valutazzjoni tal-provi fil-mertu, u dak tad-dizimpenn ta’ l-oneru mis-socjeta` attrici li ssostni dak il-kwantum mitlub. Ezercizzju dan li, opportunement,

jixraq li jerga' jsir mill-ewwel Qorti biex ukoll ma jintilefx ghall-partijiet il-beneficcju tad-*doppio esame* fil-kaz ta' appell mill-eventwali sentenza.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell lilha devolut, tirrevoka s-sentenza appellata u tirrimanda l-atti lura lill-ewwel Qorti ghall-ezami u definizzjoni minnha tat-talba attrici fl-ambitu tal-provi in atti. L-ispejjez relattivi ta' dan l-appell jitbatew mill-konvenut appellat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------